MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 677/2009

**Anthony Azzopardi u martu Maria Concetta Azzopardi ghal kull interess li jista' jkollha**

**Vs**

**Anthony Caruana**

Permezz ta' rikors prezentat fl-14 ta' Lulju 2009, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Illi fl-4 ta' Jannar 2007 ir-rikorrenti Anthony Azzopardi kien qed isuq vettura numru FBM 063 u waqt li kien wieqaf fuq it-traffic lights f'Triq tal-Barrani, Tarxien jistenna d-dawl sabiex jaqleb, hu qala daqqa fuq wara tal-vettura tieghu minn vettura ohra misjuqa mill-intimat li kellha n-numru ta' registrazzjon TON 139 u li baqghet diehla go fih, skond ma jirrizulta ahjar mir-road accident report anness u markat bhala Dokument AA 1;*

*2. Illi dan l-incident stradali sehh unikament tort u htija tal-intimat li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni TON 139 b'negligenza, imprudenza, imperizja u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u kif ukoll peress li naqas li jzomm a proper lookout;*

*3. Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident ir-rikorrent sofra danni fil-vettura tieghu kif ukoll korriment serju u dizabilita' permanenti fuq il-persuna tieghu, skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Mr Ray Gatt MD FRCS li qed jigi hawn anness u markat bhala Dokument AA 2;*

*4. Illi minbarra d-danni kagunati fil-vettura tar-rikorrent u d-dizabilita' permanenti sofferta minnu fuq il-persuna tieghu, l-istess rikorrent sofra danni ulterjuri konsistenti fi spejjez medici u f'loss of wages ghall-perjodu li fih hu ma setax jattendi ghax-xoghol minhabba l-korriment li sofra, fejn minkejja li ftit wara li gara l-incident hu pprova jirritorna ghax-xoghol, sahhtu ma ppermettietx li jahdem fl-ambjent strapazzuz li fih jahdem ir-rikorrent bhala registered port worker, u ghalhekk ir-rikorrent dam ghal diversi xhur ma jistax jattendi fuq il-post tax-xoghol tieghu;*

*5. Illi l-intimat hu unikament responsabbli ghal dan l-incident stradali mertu tal-kawza u d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mir-rikorrent;*

*6. Illi ghalkemm l-istess intimat accetta r-responsabilita' ghall-incident stradali odjern u hallas id-danni kagunati minnu fil-vettura tar-rikorrent, hu naqas li jikkumpensa lir-rikorrent ghad-danni l-ohrajn kollha li sofra r-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-incident, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

Għaldaqstant, l-atturi talbu sabiex il-qorti:

*1. Tiddikjara illi l-intimat hu unikament responsabbli ghall-incident stradali li fih safa' korrut ir-rikorrent li sehh fl-4 ta' Jannar 2007 f'Triq tal-Barrani, Tarxien bejn il-vettura numru FBM 063 misjuqa mir-rikorrent, u l-vettura numru ta' registrazzjoni TON 139 misjuqa mill-intimat*

*b'negligenza, imprudenza, imperizja u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u b'nuqqas ta' proper lookout;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati.*

Permezz ta' risposta prezentata fl-14 ta' Ottubru 2009, il-konvenut wiegeb:-

*1. Illi l-eccipjent jirrileva illi, tramite l-assikuraturi tieghu, l-eccipjent accetta r-responsabilita' ghal dan l-incident u ghalhekk l-ewwel talba attrici, inkwantu l-istess tirrigwarda r-responsabilita' ghall-incident hija ammessa;*

*2. Illi l-eccipjent jirrileva, kif ukoll jirrizulta mir-rikors promotur tal-atturi, illi, tramite l-assikuraturi tieghu, l-attur thallas ghad-danni materjali minnu sofferti fil-vettura tieghu. L-eccipjent jifhem ukoll illi s-socjeta' GlobalCapital Health Insurance ghamlet xi hlasijiet lill-attur taht il-polza tas-sahha illi kienet tkoprih. Ghalhekk ghall-fini tat-tieni u t-tielet talbiet attrici, ghandu jittiehed kont tal-ammonti hekk ippercepiti mill-istess attur;*

*3. Illi d-danni riklamati mill-attur Azzopardi huma ezagerati billi l-attur ma sofra ebda disabilita' bhala konsegwenza tal-kollizjoni tal-4 ta' Jannar 2007 jew altrimenti, l-ingurji sofferti mill-incident meritu tal-kawza ma wasslux ghall-grad ta' disabilita' allegata mill-istess attur;*

*4. Illi propju ghall-motiv imsemmi fil-paragrafu precedent, l-eccipjenti jirrileva illi l-atturi ghandhom jbatu l-ispejjes ta' din l-istanza ghaliex id-danni sofferti minnhom bhala konsegwenza tal-incident gew sodisfatti qabel il-prezentata ta' din l-azzjoni.*

**Konsiderazzjonijiet**.

Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fl-4 ta' Jannar 2007 fi Triq tal-Barrani, Tarxien. Dakinhar l-attur kien qieghed isuq vettura bin-numru FBM 063 meta vettura ohra li kien qieghed isuq il-konvenut, baqghet diehla fuq wara tal-vettura tal-attur. Ir-responsabbilta hi ammessa. Ghal dak li jirrigwarda d-danni, l-attur jippretendi:-

i. *Damnum Emergens* - €18,904.77;
ii. *Lucrum Cessans* - €15,400;

**Damnum Emergens**.

L-attur jippretendi:-

(i) €17,682.43 ghal telf ta' qliegh fil-perjodu li matulu l-attur ma kienx qieghed imur xoghol;
(ii) €1,222.34 spejjez medici (ara ricevuti fol. 96-104);

L-attur jahdem bhala *port worker*. Jirrizulta li fil-perjodu bejn is-17 ta' Jannar 2007 u 21 ta' Mejju 2007 ma kienx qieghed jirraporta ghax-xoghol[1].

Skond dikjarazzjoni li nharget mill-Malta Maritime Authority datata 18 ta' Gunju 2007 (fol. 42), fil-perjodu li l-attur kien bis-sick leave tilef is-somma ta' €17,682.44[2].

Jidher li fiz-zmien li kienu ghaddejjin it-trattattivi bejn l-attur u l-kumpannija ta' assikurazzjoni tal-vettura tal-konvenut dwar jekk l-attur kien wegga' fuq ix-xoghol. Jirrizulta li originarjament id-dikjarazzjoni a fol. 42 kienet taqra li l-attur wegga' fuq il-post tax-xoghol. Pero' mill-provi hu evidenti li dan kien zball (ara deposizzjoni ta' Stanley Castillo li kien ukoll l-awtur tad-dikjarazzjoni, seduta tat-18 ta' Novembru 2013[3]).

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur ghamel riferenza ghas-sentenza **George Zammit vs Malta Freeport[4]**, fejn il-qorti naqqset ammont rapprezentanti t-taxxa approssimattiva dovuta fuq l-ammont likwidat bhala *damnum emergens*. L-atturi qalu li ma jaqblux li titnaqqas xi somma biex taghmel tajjeb ghat-taxxa li kien ikollu jhallas l-attur kieku fil-perjodu in kwistjoni kien qieghed jahdem u jircievi s-salarju. F'dan ir-rigward ghamel riferenza ghas-sentenzi ta' din il-qorti, **Caruana vs Farrugia** (23 ta' Novembru 1983) u **Muscat et vs Schembri et** (27 ta' Jannar 1972). Fit-tieni sentenza l-qorti qalet li:

---

[1] Ara deposizzjoni tat-tabib Dr Joseph Pace (fol. 52A).

[2] *"Gross Earning of said port worker Lm10,350.06*
*Gross Earnings of injured port worker Lm2,758.99*
*Difference Lm7,591.07"*.

[3] Ix-xhud qal: *"Jekk hemm ittra xorta ohra li tghid li l-injury kien on duty, nghid li dik hija zbaljata u mhux korretta"*. Kieku l-attur wegga' fuq il-post tax-xoghol kien isir *injury report*, fatt li ma sehhx; *"F'dan il-kaz ma kien wasal ghandi l-ebda injury report ghax hu ma weggax fuq ix-xoghol"*.

[4] 16 ta' Gunju 2014.

*"Il-Qorti ghandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni ghat-telf ta' qliegh futur u mhux li taghmilha ta' speci ta' tax collector bir-rizultat li tiffavorixxi lid-debitur tad-danni u taggrava id-danneggat"*.

Fil-fehma ta' din il-qorti l-ezercizzju li sar fil-kawza **Zammit vs Malta Freeport** ma wassalx biex iffavorixxa lid-debitur u ppregudika l-attur, izda biex l-attur ma jinghatax flus li qatt ma kien ser idahhal fil-but kieku ma sehhx l-incident u thallas il-paga. Meta l-qorti tikkunsidra wkoll dan l-aspett fil-likwidazzjoni tad-danni, ma tkunx qeghda taghmilha ta' *tax collector* izda tizgura li l-attur ma jirceviex dak li qatt ma kien ser jircievi kieku ma sehhx l-incident. Dik hi r-realta u l-qorti ma tistax tinjora dan l-aspett. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qal li *"…. hu dibattibbli kemm danni likwidati minn Qorti huma taxxabbli…"*. Pero' l-Artikolu 12h tal-Att dwar it-Taxxa (Kap. 123) jipprovdi li m'humiex taxxabbli:

*"kull somma kapitali ……..imdaħħla bħala kumpens konsolidat għal mewt jew korrimenti"*.

Il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn *damnum emergens* u *lucrum cessans*.. L-Artikolu 1045(1) jipprovdi li l-hsara li persuna reponsabbli ghandha twiegeb ghaliha tinkludi *"**it-telf tal-paga** jew qligh iehor attwali"*. M'hemm l-ebda dubju li mill-paga tal-attur kienet titnaqqas it-taxxa taht il-*Final Settlement System*, fejn it-taxxa titnaqqas direttament mill-paga. Fil-fehma tal-qorti l-paga li tilef l-attur, ghaliex ghamel zmien 'l boghod mix-xoghol, kienet dik li ser tibqaghalu fil-but ghall-uzu tieghu u mhux dik il-parti tal-paga li kienet ser titnaqqaslu bhala taxxa. Jekk ser ikun mod iehor ifisser li l-attur ikun qieghed jigi kkumpensat ghal iktar mit-telf ekonomiku li garrab il-patrimonju tieghu. Dan zgur li ma jistax jikkwalifika bhala *fair compensation*.

Ghaldaqstant id-danni sofferti mill-attur bhala telf ta' paga qeghdin jigu likwidati fis-somma ta' **€13,650.65**, u dan wara li l-qorti kkunsidrat it-taxxa li l-attur hallas fis-sena 2006 (fol 36)[5].

Total ta' danni bhala damnum emergens hu ta' **€14,872.99**.

**<u>Danni ohra</u>**.

Skond l-espert mediku nominat mill-qorti[6], l-attur ghandu debilita permanenti ta' 5% b'rizultat tal-griehi li garrab fl-incident tat-traffiku. Jidher li l-attur wegga' f'ghonqu. Il-perit mediku spjega li fl-incident l-attur sofra:

[5] Ir-rata ta' taxxa kienet ta' kwazi 23% fuq il-paga gross.
[6] Mr Charles Grixti (ara rapport prezentat fit-28 ta' Dicembru 2009, fol. 56-60).

*"…. Aggravazzjoni ta' kondizzjoni li kienet ga tezisti qabel l-accident jigifieri l-artrite fl-ghonq kif deskritta fl-xrays tas-sinsla mehuda fil-5 ta' Jannar 2007 u minhabba dan ikollu ugiegh u ghejja f'ghonqu.*

*Azzopardi ghandu limitazzjonijiet fis-sens illi ma jistax joqghod b'rasu baxxuta ghal hin twil jew jixxabbat ghal affarijiet u lanqas ma jista' jigbed jew jimbotta affarijiet tqal.*

*Peress li x-xoghol tieghu huwa li jsuq trukk, dan jista' jaffetwah meta jigi biex idawwar rasu lejn il-lemin jew ix-xellug. Ta min wiehed ighid li din il-limitazzjoni kienet hemm ukoll qabel minhabba l-artrite li kellu izda li giet aggravata bl-accident ta' l-4 ta' Jannar 2007.*

*Minhabba dan u in konsiderazzjoni tal-fatt li ga kellu patologija f'ghonqu ezistenti qabel l-accident, jiena nistma' d-dizabilita' li qed isofri Azzopardi kagun ta' l-accident li kellu fl-4 ta' Jannar 2007 ta' 5% (hamsa fil-mija)".*

L-attur twieled fit-23 ta' Marzu 1952. Ghalhekk fid-data tal-incident kellu 55 sena. Fl-14 ta' Lulju 2009 ipprezenta l-kawza. Illum hu pensjonant.

Fis-sena 2006 il-qliegh tieghu kien ta' €42,641. L-attur jippretendi li l-kalkoli ghandhom isiru fuq cifra ta' €44,000 sabiex jittiehed in konsiderazzjoni l-gholi tal-hajja. Il-qorti tistqarr li l-attur facilment seta' jipprezenta kopja tal-FS3s sakemm diment li kienu ghadhom jinstemghu l-provi tieghu[7]. Min-naha l-ohra l-probabilita' hi li fis-7 snin li kompla jahdem is-salarju tieghu zdied. L-istess ragunament li sar hawn fuq dwar it-taxxa, japplika wkoll ghal din il-parti tad-danni li ser jigu likwidati[8].

Fic-cirkostanzi l-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq paga netta ta' €33,500[9], wara li tnaqqset it-taxxa[10].

Ghalhekk id-danni taht dan il-kap huma: €33,500 x 7 snin = €234,500 x 5%[11] = **€11,725**.

---

[7] Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2011 l-attur iddikjara li ma kellux iktar provi x'iressaq.
[8] Ara wkoll sentenza ta' din il-qorti (Imhallef JR Micallef) fil-kawza **David Gathergood vs Anchor Bay Leisures Limited** deciza fit-12 ta' Marzu 2012. Ara wkoll sentenza tal-House of Lords fil-kaz **British Transport Commission v Gourley**, 8 ta' Dicembru 1955.
[9] Din tinkludi zieda ghal awment fil-paga matul is-snin.
[10] Bazat fuq it-taghrif li hemm fl-FS3 tas-sena 2006.

Il-qorti m'hijiex ser tnaqqas ammont ghal *lump sum payment* ghaliex fir-realta' s-snin li dwarhom l-attur ser jinghata kumpens diga' ghaddew.

B'riferenza ghal dak li nghad fit-tieni eccezzjoni b'riferenza ghal xi kumpens li l-attur allegatament ircieva minn assikurazzjoni, ma tressqux provi. Ghalhekk din baqghet semplici allegazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur u:-**

1. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tmienja u disghin ewro (€26,598).**
2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tmienja u disghin ewro (€26,598).**

**Spejjez a karigu tal-konvenut**.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[11] Il-qorti qeghda tiskarta ghal kollox ir-rapport ex parte ta' Mr Raymond Gatt gialadarba fil-parti Past Medical History, jinghad *"The patient gave no past relevant medical history"*. Fir-rapport ma jissemmiex li l-attur kien sa minn qabel l-incident diga' jbati b'kundizzjoni f'ghonqu.